# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar, 2023.**

**Numru 12**

**Rikors numru 510/16/1 MCH**

**Seyba Aluminium Limited**

**v.**

**Grazio Debono u Windmill Aluminium Company Limited (C-15816)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta 'Windmill Aluminium Company Limited', minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2017, u li tittratta azzjoni għall-irkupru ta' kreditu konsistenti f'xiri ta' materjal tal-aluminju u aċċessorji relattivi;

## *Daħla*

2. B'rikors maħluf tas-27 ta' Ġunju, 2016, il-kumpanija 'Seyba Aluminium Limited' spjegat li l-kumpanija konvenuta hija debitriċi tagħha fl-ammont ta' tmienja u sittin elf u ħames mitt ewro (€68,500), u dan skont rendikont li ġie anness mal-istess rikors maħluf.[1] Tgħid li minkejja li kien sar ftehim li l-bilanċ kellu jitħallas f'pagamenti ta' bejn elfejn u ħames mija (€2500) jew tliet elef ewro (€3000) fix-xahar, matul il-medda ta' sitt xhur, kulma saru kienu biss żewġ pagamenti, li flimkien jammontaw għal elfejn u disa' mitt ewro (€2,900). Tgħid ukoll li għalkemm interpellat lill-intimat kemm-il darba, dan kien kollu ta' xejn, u minħabba f'hekk kellha tibda din il-kawża. Fuq is-saħħa ta' dan, l-attriċi mbagħad talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-intimati huma debituri tagħha fl-ammont komplessiv ta' tmienja u sittin elf u ħames mitt ewro (€68,500), u b'hekk tordna lill-istess intimati jħallsuha dan l-ammont, bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;

3. Permezz ta' risposta maħlufa li ġiet preżentata fil-25 ta' Awwissu, 2016, il-konvenuti laqgħu għat-talbiet tal-attriċi billi ressqu għaxar eċċezzjonijiet li għal intediment aħjar qed jiġu hawn taħt riprodotti: -

> *"1. Illi qabel xejn, ghalkemm ir-rikors promotur fih il-kliem mehtiega mill-artikolu 156(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li japplika ghall-kawzi ordinarji b'rikors guramentat, liema kliem jinsab maqtugh, l-istess*

[1] Ara 'Dok. A', (Fol. 5).

*rikors fin-naha ta' fuq tieghu fih riferiment ghall-artikolu 167(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta Ii jirrigwarda l-procedimenti sommarji specjali. Madankollu, l-att tar-rikors promotur ma jitlobx Ii l-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza u s-socjeta attrici lanqas ma ddikjarat Ii safejn taf hi I-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba. Ghaldaqstant l-eccipjenti huma intitolati u qeghdin iressqu l-eccezzjonijiet taghhom ai termini tal-artikolu 158 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante Ii din ma hijiex procedura sommarja specjali b'dispensa tas-smigh u sabiex ukoll jigi evitat kull dubju dwar kontumacja;*

*2. IIli fil-mertu Grazio Debono fil-vesti tieghu personali ma huwiex il-Iegittimu kuntradittur stante Ii n-negozju ta' bejgh u xiri ta' aluminium dejjem sar bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta konvenuta Windmill Aluminium Company Limited (C-15816);*

*3. IIli wkoll Grazio Debono personalment mhuwiex debitur tas-socjeta attrici u ma kienx jixtri l-aluminium minghand is-socjeta attrici f'ismu personali izda dejjem ghan-nom tas-socjeta Windmill Aluminium Company Limited;*

*4. Illi wkoll Grazio Debono personalment mhux minnu Ii qatt ftiehem Ii jaghmel tajjeb jew Ii jkun responsabbli ghal xi djun tas-socjeta konvenuta kif qed tallega s-socjeta attrici;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecepit, ghal dak Ii jirrigwarda s-somma mitluba ta' EUR68,500, is-socjeta attrici ghandha tipprova I-ammont minnha mitlub u dan stante Ii l-istatement annessa mis-socjeta attrici mar-rikors promotur hija deficjenti u ma turix il-konsenji Ii ghamlet u I-pagamenti kollha Ii saru lilha;*

*6. Illi minghajr pregudizz]u ghas-suecepit, is-socjeta attrici ma ghandhiex dritt timputa l-hlas tas-socjeta konvenuta ghal djun kontra I-ftehim bejn il-partijiet u kontra l-volonta tal-istess socjeta pagatrici u ghaldaqstant, wara l-prova u spjegazzjoni Ii ghandha taghti s-socjeta attrici ghall-imputazzjoni tal-hlasijiet maghmula sa issa, kwalunkwe imputazzjoni kuntrarja ghall-imsemmi ftehim u volonta ghandha tissewwa biex tirrispetta l-istess;*

*7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suecepit, il-hlas tal-prezz tax-xoghol li kien destinat ghal-Libya ghadu ma huwiex dovut peress Ii I-partijiet kienu ftehmu Ii s-socjeta attrici tithallas mis-socjeta konvenuta meta din tal-ahhar tircievi l-hlas mil-Libya, u fil-fatt is-socjeta konvenuta ghadha ma rcevietx il-hlas taghha, u dan tort ukoll tas-socjeta attrici kif ser jigi pprovat waqt iI-kawza;*

*8. IIIi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suecepit, I-ammont mitlub huwa eccessiv stante Ii ma jaqbilx mal-ftehim ta' bejn is-socjetajiet kontendenti u lanqas mal-istima Ii s-socjeta attrici kienet pprovdiet;*

*9. Dejjem minghajr pregudizzju ghas-suecepit, is-socjeta attrici ma ghandhiex dritt titlob hlas ghal materjal li ma giex ordnat u lanqas uzat mis-socjeta konvenuta u li jibqa' jappartjeni lis-socjeta attrici li tista' tiehdu lura meta trid;*

*10. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."*

4. B'sentenza mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2017, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, iddeċidiet din il-kwistjoni billi: filwaqt li min-naħa l-waħda laqgħet l-eċċezzjoni ta' Grazio Debono li mhuwiex il-leġittimu kuntradittur; min-naħa l-oħra, ċaħdet il-bqija tal-eċċezzjonijiet, u b'hekk parzjalment laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront ta' 'Windmill Aluminium Company Limited' u dan fl-ammont ta' €65,600, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża u bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija, għajr dawk ta' Grazio Debono li kellha tagħmel tajjeb għalihom l-attriċi stess;

5. Il-kunsiderazzjonijiet li straħet fuqhom l-Ewwel Qorti biex wasslet għad-deċiżjoni hekk kif imfissra fil-paragrafu ta' qabel dan kienu dawn:

***"Ikkunsidrat***

*Din hi kawza fejn is-socjeta attrici qed titlob il-hlas ta' €68,500 bilanc ta' materjal ta' aluminium mibjugh u konsenjat lil konvenuti u dan skond statement datat 24 ta' Gunju 2016 b'referenza ghal fatturi 18351, 18582,18584 u 18998 datati 15 ta' Lulju 2014, 14 ta' Ottubru 2014 u 30 ta' April 2015 (fol. 7-9 tal-process). Aktar tard fil-proceduri quddiem il-Qorti d-direttur tas-socjeta attrici ipprezenta prospett aktar dettaljat datat 15 ta' Gunju 2014 izda rivedut bl-ammonti dovuti ghal kull konsenja, u tal-hlasijiet li saru mill-konvenuti (fol. 52 u 53 tal-process).*

***Eccezzjoni preliminari***

*Il-konvenuti ressqu eccezzjoni preliminari fis-sens illi Grazio Debono mhux legittimu kontradittur ghax in-negozju dejjem sar ma Windmill Aluminium Company Limited u li l-istess Grazio Debono qatt ma kkontratta personalment mas-socjeta attrici. In oltre l-istess Grazio*

*Debono jsostni li qatt ma accetta li jaghmel tajjeb ghal xi djun tas-socjeta attrici.*

*Il-Qorti tqis li dwar din il-kwistjoni ftit hemm x'jinghad. Is-socjeta attrici taccetta li l-invoicing ghall-ordnijiet kien isir lis-socjeta konvenuta (ara xhieda ta' Lino Bartolo direttur tas-socjeta attrici (fol. 32 tal-process). L-istess Lino Bartolo jixhed li l-contact person ghas-socjeta konvenuta kien id-direttur Grazio Debono biss.*

*Hu pacifiku illi s-socjeta kummercjali ghandha personalita distinta mill-membri u ufficjali li jikkomponuha u din il-personalita guridika separata ma tistax tigi konfuza mal-personalita distinti tal-membri taghha sakemm ma jigix pruvat b'mod inekwivoku illi l-membri jew ufficjali ikkuntrattaw personalment u mhux f'isem l-istess socjeta li jirrapprezentaw. Din il-prova ma tirrizultax la mid-dokumenti ta' fatturi esebiti kollha indirizzati lis-socjeta konvenuta u anqas minn ftit ricevuti ta' hlasijiet esebiti (fol. 71 sa 74 tal-process). L-istess Lino Bartoli jixhed illi d-direttur tas-socjeta konvenuta Grazio Debono hallsu xi ammonti in kontanti senjatament is-somma ta' €2,900 (ara xhiedha a fol. 37 in kontroezami a fol. 55 tal-process). Pero fil-fehma tal-Qorti dan la jfisser illi Grazio Debono kien assuma dejn tal-kumpanija u anqas li la darba hallas ghal dejn il-kumpanija dan ifisser li d-dejn kien tieghu u mhux tal-kumpanija. Il-provi dokumentarji juru mod iehor u ma hemm xejn fil-ligi li jipprojbixxi li persuna tersaq biex thallas dejn ta' haddiehor. Dan ma jfissirx li b'daqshekk dahlet responsabbli hi mal-kredituri billi assumiet id-dejn hi. Din hi kwistjoni res inter alios acta fejn jikkoncerna l-kreditur, cioe s-socjeta attrici f'dan il-kaz, u d-debitur, cioe s-socjeta konvenuta f'dan il-kaz. Ma ngiebet ebda prova anqas li Grazio Debono assuma xi obbligu qua garanti solidali ghad-dejn tas-socjeta konvenuta. L-unika prova li saret hi illi Grazio Debono kien l-azzjonist u direttur li kien jinnegozja mas-socjeta attrici. Pero ma hemmx il-prova li kien jinnegozja f'ismu.*

*Ghalhekk il-Qorti tqis illi ghandha tintlaqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti illi r-relazzjoni guridika f'din il-kawza tinsab biss bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta.*

***Mertu***

*Fil-mertu s-socjeta konvenuta qed issostni li s-socjeta attrici iggib prova tal-ammont dovut u illi l-hlasijiet li saru ma jistghux jigu imputati ghal ammonti dovuti b'fatturi differenti skond ma jidhrilha s-socjeta attrici jekk ma jirrizultax li sar bi ftehim mas-socjeta konvenuta. In kwantu ghal prezz ta' materjal ordnat destinat ghal progett fil-Libja sar ftehim bejn il-kontendenti li s-socjeta attrici tithallas meta tkun thallset is-socjeta konvenuta, liema hlas ghadu ma sarx tort tas-socjeta attrici. Ma' dan jinghad ukoll illi l-ammont mitlub hu eccessiv ghax ma jaqbilx mal-ftehim u l-istima provduta mis-socjeta attrici. In oltre ma jistax jintalab hlas ghal materjal mhux ordnat u mhux uzat mis-socjeta konvenuta.*

*Il-Qorti ser tikkunsidra l-mertu ta' dawn il-lanjanzi b'referenza ghal fatti pruvati. Id-direttur tas-socjeta attrici Lino Bartolo jinnega li qatt kien hemm dizgwid bejn il-kontendenti fuq l-ammont dovut u Grazio Debono u s-socjeta konvenuta kienu jafu kemm hu l-ammont tad-debitu (ara fol. 38 tal-process). In oltre qatt ma kien hemm xi ftehim li s-socjeta attrici tithallas meta tkun thallset is-socjeta konvenuta minghand terzi ghax-xoghol ordnat. Bl-istess mod qatt ma sar xi ftehim li x-xoghol konsenjat u li ma ntuzax jerga jigi ritornat jew li gie konsenjat xoghol mhux ordnat (fol. 39 tal-process). Jirrizulta bhala fatt illi s-socjeta konvenuta kienet taghmel ordni u fil-kaz partikolari tax-xoghol fuq binja fil-Libja specifikat il-progett kif ukoll ghaddiet lis-socjeta attrici il-kejl u dimensjonijiet necessarji. Kienet imbaghad is-socjeta attrici tramite persuni mqabbda minnha cioe s-supplier Taljan taghha li tindika l-materjal necessarju, jingieb Malta skond l-ispecifications moghtija tal-progett u tikkonsenjah lis-socjeta konvenuta biex imbaghad tuzah u timmontah hi. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi profili ta' aluminium li l-kwalita u kwantita u forma kien jiddependi skond il-progett. B'dan kien ikun mgharraf id-direttur tas-socjeta konvenuta (ara kontroezami ta' Lino Bartolo a fol. 64 u 65 tal-process). Fil-fehma tal-Qorti dan jikkostitwixxi ftehiem ta' bejgh ta' materjal biss skond l-ordni maghmula.*

*Minn qari tal-affidavit tal-konvenut Grazio Debono jidher li l-ilment principali tieghu hu fuq ordni partikolari li ghamel u li x-xoghol kien ser isir fil-Libja. Ghalkemm hu jsostni illi qatt ma kien hemm ftehim dwar il-mod kif jinqatghu il-hlasijiet mid-debitu dovut lis-socjeta attrici, hu ma jressaq ebda prova li ssostni dan. Fil-fatt ma jinnegax li kien jircevi statement jew hemm prova li kien joggezzjona ghal statement u l-addebitar tal-hlas ghal kreidtu dovut. Ghalhekk il-Qorti ma tqis gustifikata l-oggezzjoni tas-socjeta konvenuta li l-addebitar tal-hlasijiet kien qed isir ghal krediti partikolari bla konsapevolezza jew kontra r-rieda tas-socjeta konvenuta. In kwantu ghall-bilanc dovut mis-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici ipprezentat statement dettaljat tal-prodott mibjugh u konsenjat u n-numri tal-fatturi relattivi kif ukoll il-hlasijiet li saru li jwasslu ghal bilanc dovut ta' €68,500 (fol. 52 tal-process). Ghalkemm dan l-istatement hu datat 15 ta' Gunju 2016 pero jirrizultaw krediti favur is-socjeta konvenuta bl-iktar wahda ricenti datata 20 ta' Novembru 2015. Jidher ghalhekk illi s-socjeta attrici qed issostni li l-ahhar pagament akkont sar f'din l-ahhar data. Minghajr ma l-Qorti f'dan il-waqt tikkonsidra l-kontenzjoni tas-socjeta konvenuta dwar l-ordni ghal xoghol li kellha fil-Libja, jrid jigi kunsidrat jekk l-ammont reklamat mis-socjeta attrici giex ippruvat fuq bazi ta' probabilita. Jirrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta konvenuta illi saru erba' pagamenti lis-socjeta attrici (fol. 71 sa 74 tal-process) datati 19 ta' Settembru 2015 fl-ammont ta' €4,000, 13 ta' Ottubru 2015 fl-ammont ta' €4,000, 14 ta' Novembru 2015 fl-ammont ta' €5,000 u 16 ta' Marzu 2016 fl-ammont ta' €2,900. Ghalkemm dawn l-ammonti ma jidhrux fl-istatement esebit mis-socjeta attrici bid-data tar-ricevuta indikata izda d-direttur tas-socjeta konvenuta Grazio Debono fuq domandi tal-Qorti*

*fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2017 qali li l-unika ammont li mhux imdahhal fl-istatement hu l-ammont ta' €2,900. Dan l-ammont mhux kontradett mis-socjeta attrici. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-ammont li s-socjeta attrici qed tippretendi ghandu jitnaqqas b'dan l-ammont ghal €65,600.*

*Il-Qorti ser tikkonsidra issa l-kwistjoni relatata max-xoghol fil-Libja. Jibda biex jinghad li fl-ebda parti tal-provi ma hemm xi accenn ghal xi ftehim kif allegat mis-socjeta konvenuta fi-sens li s-socjeta konvenuta kellha thallas lis-socjeta attrici ghal prodott mibjugh darba li tkun thallset hi ghax-xoghol maghmul lil terzi. Dan wara kollox kien bejgh ta' materjal skond ordni maghmula. Il-prezunzjoni hi ta' hlas immedjat jew kif inhi l-prassi fil-kummerc wara l-gheluq ta' certu zmien definit fil-fatturi kif fil-fatt jixhed id-direttur tas-socjeta attrici. Fuq din il-kwistjoni s-socjeta konvenuta ma ghandha ebda ragun. Id-direttur tas-socjeta konvenuta jghid ukoll li dan ix-xoghol sar bi shab pero ma ipprova ebda element ta' shubija bejn il-kontendenti bhal qsim fil-profitt u telf. L-istess jinghad ghall-pretensjoni illi s-socjeta konvenuta giet konsenjata materjal mhux mitlub u li dak mhux uzat kellu jigi ritornat lis-socjeta attrici bla hlas ghalih. Dan ukoll ma jirrizulta minn ebda prova attendibbli. Il-materjal f'dan il-kaz, cioe aluminium u accessorji konnessi kienu jigu ordnati a misura skond il-bzonn tal-progett inkors mis-socjeta konvenuta. Hu minnu illi l-ammont ta' materjal kien jigi kalkolat mis-socjeta attrici permezz tas-supplier taghha wara li s-socjeta konvenuta tkun provdiet id-disinn tax-xoghol intrapiz u l-kejl izda b'daqshekk ma jfissirx li kien hemm xi ftehim dwar ritorn ta' materjal mhux uzat. Tali ftehim irid jirrizulta b'mod car bil-miktub jew bil-fomm izda l-fatti juru mod iehor, ghax din il-konferma ta' allegazzjoni ma irrizultatx.*

*In kwantu ghal kontenzjoni principali tas-socjeta konvenuta li kien hemm xoghol ordnat biex jigi effettwat fil-Libya u illi s-socjeta attrici ikkonsenjat il-materjal tard u b'hekk is-socjeta konvenuta ma setghetx tipicca x-xoghol b'danni ghaliha li ikkomplikat ruhha minhabba s-sitwazzjoni politika hazina fil-Libja, kif ukoll li l-prezz pattwit gie mizjud bla dritt mis-socjeta attrici l-Qorti tikkunsidra hekk kif gej. Clifford Sciberras, impjegat tas-socjeta konvenuta jghid li s-socjeta attrici ittardjat b'xi xhur tikkonsenja xi xoghol lis-socjeta konvenuta fil-progett li kellha fil-Libja. Hu spjega li kien xi haga zghira materjal nieqes u xi accessorji kif ukoll gie konsenjat xi materjal hazin. Madankollu x-xoghol mexa ghalkemm ma spiccax ghax inqala' l-inkwiet il-Libja. Qal li gie mitlub jaghmel l-ordni mis-superjuri tieghu ghal habta ta' Settembru jew Novembru 2014, ghalkemm meta saret l-ordni mill-Libja ma jafx. Zied li normalment hemm stennija ta' tmien gimghat biex ix-xoghol jigi konsenjat lis-socjeta konvenuta biex huma jkunu jistghu jahdmu bih ghal klijent. Zied li meta wasal il-'bulk' tal-materjal bdew jahdmu. Hu qal li huma jircievu l-invoice max-xoghol izda jiffirma ghalih impjegat li f'dan il-kaz ma kellux jiffirma peress li rrizulta li kien hemm xi 'puncher' li ma kienux fl-ordni ta' bejgh izda kellu jigi misluf lilhom biss. Qal li hu ikkomunika diversi drabi mas-socjeta attrici fuq l-affarijiet nieqsa u gieli anki qabzu u ikkomunika direttament mas-*

*supplier. L-affarijiet fl-ahhar waslu kollha izda kien tard, minhabba l-inkwiet fil-Libja u ghalhekk il-materjal ma ntbaghtx kollu. Qal kien ghad hemm il-bibien principali li ma ntbaghtux. Zied ukoll illi s-socjeta konvenuta kellha diversi progetti ghaddejjin fil-Libja f'dak iz-zmien.*

*Id-direttur tas-socjeta konvenuta, fl-affidavit tieghu jghid illi x-xoghol ghal Libja mertu tal-kontestazzjoni odjerna sar ghal habta ta' Mejju 2014 u kellha tasal xi tmien gimghat wara. Fil-fatt jghid li fattura 18351 datata 15 ta' Lulju 2014 hi xiehda tal-konsenja izda billi ma wasalx kollox ghax is-socjeta attrici ikkolkolat hazin l-ammont ta' materjal li kien hemm bzonn, kellhom isiru ordnijiet ohra li waslu f'Ottubru (fatturi 18582 u 18584) u f'April 2015 (fattura 18998). Jghid li l-ftehim originali kien ta' €56,850 (kif jidher mill-email a fol. 107 tal-process) izda s-socjeta attrici mbaghad ziedet il-VAT fuq l-ammont meta dan ma giex dikjarat fl-email u in oltre saru tlett konsenji ohra biex l-ammont zdied ghal €103,071.09, u dan peress kif inghad is-socjeta attrici ikkalkolat hazin il-materjal li kien hemm bzonn. Ovvjament il-materjal wasal tard b'detriment ghat-tkomplija tal-progett fil-hin, li aggrava ruhu meta kien hemm l-inkwiet fil-Libja u fil-fatt is-socjeta attrici fadlilha profili tal-aluminium ghadhom mhux uzati. Apparti dan id-dewmien, kawza ohra tad-dewmien kien l-konsenja ta' accessorji u rubber hazin ghall-iskop tal-progett. Qal li l-accessorji inbidlu pero s-socjeta attrici regghet zammet il-flus ghalihom u r-rubber baqa' ma nbidilx. Zied li s-socjeta attrici zammet flus ghal puncher meta din kellha tigi mislufa mhux mibjugha. Qal li ma zammitx ghal puncher fil-fattura ta' Lulju 2014 meta giet konsenjata izda meta baghtet parti mill-materjal nieqes f'Ottubru li ziedet il-prezz ghal puncher. Hu qal li gie mgieghel ikompli jhallas nonostante dan kollu minhabba theddid da parti tas-socjeta attrici.*

*Il-Qorti tqis li s-socjeta konvenuta ma ghandhiex ragun fuq il-kwistjoni tal-VAT. L-email a fol. 107 hi l-prezz tal-materjal kif maghmula mill-forrnituri Taljan u mibghuta lis-socjeta attrici u mghoddija lis-socjeta konvenuta. Il-VAT ma kienx indikat bhala parti mill-prezz tal-materjal u ghalhekk jizdied jekk u meta ssir l-accettazzjoni tal-ordni. Din l-email imkien ma tghid li l-prezz jinkludi l-VAT. Kull ma tghid hu li shipping u muturi awtomatici mhux inkluzi fil-prezz. Jekk is-socjeta konvenuta ma qablitx meta saret il-fattura ta' Ottubru 2014 u kull fattura ohra esebita messha ilmentat mill-ewwel izda jidher li l-ilment qed isir issa wara l-nfethet il-kawza. Il-Qorti tirreleva li hu applikabbli ghal kaz l-artikolu 49(3) tal-Kap. 406 li jghid hekk:*

*Fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas taht dan l-Att ma jkunx identifikat fil-prezz imhallas ghal provvista fuq fattura jew dokument li jservi bhala fattura mahrug minn persuna taxxabbli lil persuna taxxabbli ohra dak il-prezz ghandu jitqies li ma jkunx jinkludi t-taxxa.*

*In kwantu ghal materjal kalkolat nieqes, hemm ukoll is-socjeta konvenuta ma rnexxiliex tipprova li fil-fatt li dan il-materjal ma kienx bzonnjuz ghat-tkomplija tax-xoghol tant li saret l-ordni u hallset in parti*

*ghalih bla lmenti u uzatu wkoll avolja skond l-istess socjeta konvenuta, mhux kollu.*

*In kwantu ghall-inkwiet fil-Libja li minhabba fih ix-xoghol ma setghax jigi kompletat u dan peress li s-socjeta attrici ikkonsenjat parti max-xoghol tard, il-Qorti tqis li l-emails mibghuta mill-impjegat tas-socjeta attrici lil fornitur Taljan rigward xi accessorji u aluminium li kien ghad jonqos juru illi l-inkwiet fil-Libja ma dehrx li kien qed jaffettwa l-andament tal-progett. Infatti l-emails huma datati minn Frar 2015 sa Mejju 2015 (fol. 131 sa 134) kuntrarjament ghal dak li xehed id-direttur tas-socjeta konvenuta. Irid jitqies li l-maggor parti tax-xoghol kien gia konsenjat sa Ottubru 2014 u l-ahhar konsenja saret f'April 2015, skond id-dati tal-fatturi fl-istatement esebit mis-socjeta attrici. Il-Qorti ghalhekk ma tqis plawsibbli l-argument tas-socjeta konvenuta li d-dewmien fil-konsenja effettwa lis-socjeta konvenuta b'tali mod li jekk il-progett ma giex terminat dan hu htija tas-socjeta attrici.*

*Rigward ir-rubber hazin u l-profili mhux uzati, u l-allegazzjoni li l-materjal kollu ghadu mhux provdut kif imwieghed ma ngiebet ebda prova dwar dan mis-socjeta konvenuta u tissemma biss f'ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta konvenuta f'Novembru 2016 wara li nfethet il-kawza. Bl-istess mod ma saret ebda prova li l-puncher kellu jigi misluf mhux mibjugh. Ma kien hemm ebda oggezzjoni hlief fil-kawza.*

*In kwantu ghal allegazzjoni li s-socjeta konvenuta kompliet thallas nonostante dan id-dizgwid minhabba theddid b'messaggi bil-mobile u f'sensiela ta' emails esebiti mis-socjeta konventua (fol. 43 et seq. tal-process) dawn juru talbiet ghal hlas u risposti mis-socjeta konvenuta li xtaqet aktar zmien ghal dan l-iskop minhabba problemi li kellha. Is-socjeta konvenuta esebiet hames emails datati 20 ta' Ottubru 2015 li skond id-direttur tas-socjeta konvenuta urew theddid. Il-Qorti tqis li dawn l-emails ma jikkostitwux raguni serja bizzejjed biex tiskuza t-tkomplija ta' hlas mis-socjeta konvenuta. Ma rrizulta ebda theddida ta' natura serja jew inkwetanti wara dawn l-emails. Kif jidher mill-messaggi tal-mobile esebiti li jkopru l-perjodu anki fl-2016, ma hemm ebda theddid fihom u d-direttur tas-socjeta konvenuta ma jaghti ebda indikazzjoni li qed ihossu mhedded, anzi jirrikonoxxi li ghandu jhallas.*

*Ghalhekk il-Qorti issib illi s-socjeta atrici hi gustifikata fit-talba taghha kontra s-socjeta konvenuta fl-ammont ta' €65,600."*

6. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti ma niżlet xejn tajjeb mal-kumpanija konvenuta, u għar-raġunijiet li ġew imfissra fir-rikors tal-appell, Windmill Aluminium Company Limited qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' l-appell odjern billi tibdel is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta'*

*Ottubru 2017, u filwaqt li tikkonferma li Grazio Debono ma huwiex leġittimu kuntradittur u tilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni relattivi kif ukoll tikkonferma li l-ispejjeż tal-konvenut Grazio Debono jitħallsu mis-soċjetà attriċi appellata, imbagħad tiċħad it-talbiet attriċi kemm fil-konfront ta' Grazio Debono u kif ukoll fil-konfront tas-soċjetà appellanti filwaqt li tilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet ħamsa sa disgħa kif imressqa fir-risposta ġuramentata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata"*;

7. Min-naħa l-oħra, il-kumpanija appellata ma qablet xejn mal-ilmenti tal-appellanti, u permezz ta' tweġiba li ġiet imressqa fl-14 ta' Novembru, 2017, filwaqt li fissret għalfejn l-aggravji tal-kumpanija appellanti mhumiex siewja, għaddiet biex talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tiċħad l-appell tas-soċjetà appellanti, bl-ispejjeż kontriha u tikkundanna (sic) sabiex tħallas ukoll id-doppie spese lill-esponenti filwaqt illi tikkonferma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u dan billi tikkundanna lis-soċjetà Windmill Aluminium tħallas l-ammont ta' €65,600 lis-soċjetà Seyba Aluminium Limited bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv"*;

8. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża nkluż id-dokumenti esebiti, kif ukoll semgħet dak kollu li ġie sottomess mid-difensuri tal-partijiet waqt it-trattazzjoni bil-fomm li nżammet fis-seduta tal-10 ta' Novembru, 2022, din il-Qorti tqis li issa hija f'pożizzjoni biex tgħaddi għas-sentenza;

***Kunsiderazzjonijiet***

9. Għalkemm l-appellanti taqsam ir-rikors tal-appell f'diversi aggravji, din il-Qorti tqis, li l-aggravji tal-appellanti huma lkoll b'xi mod jew ieħor konnessi mal-apprezzament tal-provi hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti. Dwar dan, din il-Qorti tibda biex tfakkar, li filwaqt li hija mogħnija b'kull setgħa biex tinterpreta l-fatti b'mod differenti minn kif tkun fehmithom l-Ewwel Qorti; min-naħa l-oħra, din il-Qorti m'għandhiex leġġerment tissostitwixxi l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Philip Gauci et. v. Alfred Gauci et.***, deċiża minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2019).[2] Għaldaqstant, fi kwestjonijiet bħal dik tal-lum, xogħol din il-Qorti jkun, li mingħajr ma tissostitwixxi l-apprezzament tal-fatti hekk kif magħmul mill-Ewwel Qorti, tistħarreġ jekk dik il-Qorti, fid-dawl tal-provi mressqa quddiema, setgħetx raġonevolment tasal għall-fehma li tkun waslet għaliha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***George Galea v. Maria Carmela sive Marica Baldwin,*** deċiża minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 2022).[3] Tali prinċipji mhumiex imħarsa minn din il-Qorti għalxejn b'xejn, u minn kif ġie mfisser fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Victor Borg Barthet v. Carnik Construction Limited***, ir-raġuni wara dan kollu hija li, b'kuntrast għal din il-Qorti, il-ġudikant tal-Ewwel Qorti jkollu l-opportunità

---

[2] App. Ċiv. Nru. 37/04/1LSO.
[3] App. Ċiv. Nru. 90/14/1FDP.

li josserva u jixtarr il-*"body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*.[4] Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, din il-Qorti sejra issa tibda biex tqis l-ilmenti tal-appellanti, u dan fl-istess sekwenza li ġew imqajma fir-rikors tal-appell;

10. L-ewwel ilment li ġie mressaq mill-appellanti huwa dwar il-kostatazzjoni tal-Ewwel Qorti li Grazio Debono *"ma jinnegax li kien jirċievi statement*", u li lanqas ma *"hemm prova li kien joġġezzjona għal statement u l-addebitar tal-ħlas għal kreditu dovut".* Dwar dan, l-appellanti targumenta li mkien matul il-ġbir tal-provi ma ntwera li l-kumpanija appellata kienet tipprovdi *statements* lill-kumpanija konvenuta, u konsegwentement Grazio Debono ma seta' qatt jixhed dwar il-kwistjoni tal-*istatement*. Tgħid ukoll li ħadd qatt ma staqsa lil Grazio Debono jekk irċeviex statement jew le, u ssemmi li fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2017, meta *"il-Qorti stess ħadet ir-riedni f'idejha biex teżamina lill-Grazio Debono"* ma staqsitx lil Debono dwar l-*istatements*. Tagħlaq imbagħad billi tgħid li hija mill-ewwel ikkontestat l-*istatement* imressaq mar-rikors promotur, tant li ressqet il-ħames eċċezzjoni dwar dan;

[4] App. Ċiv. Nru. 1431/2002/1, deċiż minn din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 2008.

11. Din il-Qorti ma tarax li l-ewwel ilment tal-appellanti huwa siewi. Ibda biex, li mhuwa xejn minnu, li m'hemm l-ebda prova fl-atti li tindika li l-kumpanija appellata kienet tipprovdi r-rendikonti lill-appellanti. Fil-fatt, mix-xhieda ta' Lino Bartolo li ġiet mogħtija waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016, jirriżulta li fuq mistoqsija tal-Qorti: *"[u] invoice ta' kemm kien fadallu jtik dejjem bgħattlu?",* Bartolo wieġeb li *"**[d]ejjem bgħattlu u għandu anke l-istatement**".*[5] Ġialadarba Bartolo xehed fuq ġurament li huwa kien dejjem jibgħat l-*invoices* u anke l-*istatements* lill-appellanti, allura kien jinkombi fuq l-appellanti li tirribatti dan. Kif osservat tajjeb l-Ewwel Qorti, l-appellanti però m'għamlitx dan, u fi żgur l-appellanti ma tistax issa tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tagħmlilha xogħolha u tistaqsi lil Debono dwar dan. Barra minn hekk, il-fatt li l-appellanti kkontestat mal-ewwel l-i*statement* imressaq mar-rikors promotur, tant li ressqet il-ħames eċċezzjoni dwar dan, ma jippruvax li qabel ma nbdew il-proċeduri, l-appellanti kienet qed tikkontesta l-kreditu pendenti li kellha mal-kumpanija appellata. Għaldaqstant l-ewwel ilment qiegħed jiġi miċħud;

12. It-tieni lment tal-appellanti huwa mbagħad dwar li l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas mill-kreditu pretiż, il-ħlasjiet kollha ndikati fl-irċevuti li ġew preżentati minnha fil-mori tal-kawża. Dwar dan l-appellanti tagħmel referenza għall-kostatazzjoni tal-Ewwel Qorti fejn tgħid li *"d-direttur tas-soċjetà konvenuta Grazio Debono fuq domandi tal-Qorti fis-seduta tat-22*

---

[5] Fol.38.

*ta' Mejju 2017 qal li l-unika ammont li mhux imdaħħal fl-istatement hu l-ammont ta' Eur 2,900",* u tilmenta li dak li ntqal mill-Ewwel Qorti ma jirriflettix dak li xehed Grazio Debono. Biex issaħħaħ dan, l-appellanti mbagħad tistampa diversi siltiet mit-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-22 ta' Mejju, 2017, u tgħid li dak li jirriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda huwa li l-*istatement* datat 15 ta' Ġunju, 2014, ma jinftiehemx. B'żieda ma' dan, issostni li l-erba' pagamenti li ġew ippruvati bl-irċevuti 'DOK GD1',[6] 'DOK GD2',[7] 'DOKGD3',[8] u 'DOK GD4'[9]; fl-ammonti ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900), erbat elef ewro (€4,000), erbat elef ewro (€4,000), u ħamest elef ewro (€5,000), u bid-dati 16/3/16, 19/9/15,13/10/15,14/11/15 rispettivament; kellhom jiġu mnaqqsa mill-Ewwel Qorti, u dan għaliex ma jirriżultawx li ġew imdaħħla fl-*istatement* dettaljat li ġie preżentat mill-appellata;

13. Wara li rat sewwa dak li jirriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda tat-22 ta' Mejju, 2017, kif ukoll wara li eżaminat bir-reqqa kemm l-*istatement* tal-bilanċ tal-kreditu li ġie ppreżentat mill-appellata waqt is-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016,[10] flimkien mal-kopji tal-irċevuti li ġew preżentati mill-appellanti waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar, 2017;[11] din il-Qorti jirriżultalha li l-appellanti qed tgħid sew li l-Ewwel Qorti kien messha naqqset dawk il-

---

[6] Fol. 71.
[7] Fol. 72.
[8] Fol. 73.
[9] Fol. 74.
[10] Ara Dok LB3, Fol 52-53.
[11] Dok GD1 sa GD 4, Fol 71-74.

pagamenti li jirriżultaw mill-irċevuti 'DOK GD1' sa 'DOK GD4', u dan mill-kreditu pretiż mill-appellata;

14. Għalkemm l-aqwa prova tal-pagament huma l-irċevuti, u l-kopji tal-irċevuti li ġew preżentati fl-atti ta' din il-kawża ma ġewx awtentikati u lanqas ma ġew ikkonfermati bil-ġurament mir-rappreżentant tal-appellanti, din il-Qorti tosserva, li fih innifsu, tali fatt mhuwiex fatali għall-appellanti u dan għaliex minn kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Gaetana Mamo v. Therese sive Tessie Mercieca et.*** *"[h]u paċifikament stabbilit illi "l-pagament jista' jiġi pruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jiġifieri bi provi diretti, bħal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bħal ma huma l-preżunzjonijiet u l-indizji kapaċi li jikkonvinċi l-ġudikant" (Kollez. Vol. XLIII P II p 264; Vol XXXVII P I p 525).*[12] B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ, din il-Qorti jidhrilha li l-kumpanija appellanti rnexxielha tassew tegħleb l-oneru impost fuqha biex tipprova l-pagamenti fis-somma globali ta' <u>€15,900</u>,[13] u li dawk il-pagamenti ma jirriżultawx li ġew imdaħħla fir-rendikont mogħti mill-kumpanija appellata (DOK LB3).[14] Dan qiegħed jintqal għaliex l-aqwa prova dwar il-pagamenti ħarġet minn ħalq ir-rappreżentant tal-kumpanija appellata stess, meta waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar, 2017, Lino Bartolo kkonferma li dawk il-pagamenti

[12] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***Maria Stella Calleja v. Brian Degorgio***, deċiża minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2022, (App. Ċiv. Nru.491/14/1MCH)
[13] €2,900, + €4,000 + €4,000 + €5,000 = <u>€15,900.</u>
[14] Fol. 52-53.

kienu tassew saru minn Windmill Aluminum, u saħansitra qal li kieku dawk il-pagamenti ma sarux, il-kreditu dovut kien ikun ħafna aktar minn dak mitlub.[15] Din il-Qorti osservat ukoll li fl-istess kontro-eżami b'referenza għall-*istatement* dettaljat li ġie preżentat mill-appellata (DOK LB3), Lino Bartolo wieġeb li fuq dak l-*istatement* hemm *"spjegat id-dati tal-pagamenti kollha li saru tul dawn is-sena u nofs jew sentejn"*.[16] Filwaqt li mad-daqqa ta' għajn dan huwa minnu, għaliex l-*istatement* ippreżentat mill-appellata huwa b'tali mod li f'kolonna minnhom intestata bħala *'Credit €'* hemm imniżżla lista ta' pagamenti li ġew mgħoddija lill-appellata, u dan bid-data relattiva ta' meta ġie mgħoddi l-pagament; għal xi raġuni li baqgħet mhux spjegata minn Bartolo, il-pagamenti kif murija fl-irċevuti 'DOK GD1' sa 'DOK GD4' ma ġewx imniżżla fil-kolonna *'Credit €'.* Minħabba f'hekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti għandha raġun tilmenta li l-pagamenti li jirriżultaw mill-irċevuti ma ġewx imdaħħla fir-rendikont mogħti mill-attriċi u konsegwentement kellhom jiġu mnaqqsa mill-kreditu bilanċjali pretiż minnha. Fid-dawl ta' dan, u bla ħsara għall-bqija tal-ilmenti li għad iridu jiġu mistħarrġa, din il-Qorti qed tasal għal konklużjoni li, f'kull każ, l-ammont ta' <u>€15,900</u> għandu jiġi mnaqqas mill-kreditu pretiż mill-kumpanija appellata;

15. It-tielet ilment tal-appellanti huwa mbagħad dwar referenza żbaljata li saret mill-Ewwel Qorti għad-data tal-*istatement* dettaljat li ġie ppreżentat

---

[15] Fol. 59.
[16] Fol. 66-67.

mill-attriċi fil-mori tal-kawża. L-appellanti tagħmel referenza għal paġna 6 tas-sentenza u speċifikament għal dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti tirreferi għall-i*statement* ‘DOK LB3’ bħala *“datat 15 ta’ Ġunju 2016”*; u tgħid li d-data mniżżla f’dak l-i*statement* hija: *“15th June 2014”*. Targumenta li għalkemm tifhem li dan seta’ jkun dovut għall-*lapsus calami*, id-data propja tal-i*statement* hija mportanti għax tixħet dawl fuq in-nuqqas ta’ trasparenza minn-naħa tal-kumpanija appellata. Iżżid tgħid li fis-sottomissjonijiet tagħha, hija spjegat fid-dettall, kif id-data f’dak l-i*statement* li tirreferi għas-sena 2014 kienet ħażina, u terġa’ tinsisti li dak l-i*statement* xorta ma jurix l-erbgħa pagamenti li saru minnha;

16. Għalkemm huwa tassew minnu li l-Ewwel Qorti żbaljat meta rreferiet għall-*istatement* (DOK LB3) bħala *“datat 15 ta’ Ġunju 2016”* meta fil-fatt huwa datat *“15th June 2014”*, din il-Qorti, filwaqt li qed tifhem x’qed tipprova targumenta l-appellanti, tqis li fiċ-ċirkustanzi, il-mertu ta’ dan l-aggravju ġie eżawrit, għaliex din il-Qorti għadha kif qablet mal-appellanti li l-erba’ pagamenti li jirriżultaw mill-irċevuti ‘DOK GD1’ sa ‘DOK GD4’ kellhom fil-fatt jiġu mdaħħla f’dak l-i*statement* u b’hekk imnaqqsa mill-kreditu pretiż. Għaldaqstant, il-Qorti ser tkun qed tgħaddi biex tindirizza l-bqija tal-ilmenti;

17. Fit-tieni parti tar-rikors tal-appell, l-appellanti mbagħad tirreferi għal ħames ‘okkażjonijiet’ li fi kliema, l-Ewwel Qorti *“għamlet apprezzament*

*żbaljat tal-provi mressqa quddiema b'mod li nħolqot inġustizzja kbira lill-appellanti*";

18. L-'ewwel okkażjoni' li tilmenta dwarha l-appellanti hija essenzjalment ripetizzjoni tal-ilmenti li ġew ikkunsidrati s'issa u speċifikament dwar l-apprezzament magħmul mill-Ewwel Qorti *viz* l-*istatement* (DOK LB3). Din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn toqgħod tirrepeti, u tagħmel referenza għall-osservazzjonijiet li saru aktar kmieni;

19. It-'tieni okkażjoni' li tirreferi għaliha l-appellanti hija mbagħad dwar li l-Ewwel Qorti ma naqsitx l-ammont ta' €2,000, li fi kliem l-appellanti, 'l-attriċi stess iddikjarat li rċeviet f'Jannar tas-sena 2016', u li ma ġiex imnaqqas fl-i*statement* (DOK LB3);

20. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti, anzi tqis li dan l-ilment huwa abbużiv u jirrażenta l-fieragħ. Din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li, l-elfejn ewro li qed issemmi l-appellanti huma fil-fatt kompriżi fl-irċevuta 'DOK GD1',[17] u dan kif ġie spjegat ċar minn Lino Bartolo. Fil-fatt, Lino Bartolo xehed li Grazio Debono kien *"[t]agħni elfejn imbagħad wara reġgħa tagħni disgħa mija oħra",* u spjega li kien ħareġ irċevuta waħda fl-ammont kumplessiv ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900), skont kif tixhed fl-irċevuta 'DOK GD1'. L-istess verżjoni taqbel perfettament ma' dak li

[17] Fol. 71.

Bartolo kien iddikjara aktar kmieni fl-affidavit li ġie mehmuż mar-rikors promotur, fejn hemmhekk kien aktar speċifiku u qal li: *"Grazio effettivament għamel biss żewġ pagamenti, wieħed ta' elfejn Euro (€2,000) f'Jannar 2016 u pagament ta' disa' mitt Euro (€900) fis-16 ta' Marzu 2016".*[18] Din id-data tas-16 ta' Marzu, 2016, taqbel eżattament mad-data tal-irċevuta 'DOK GD1', li Debono kien qal li tinkludi fiha l-ammonti ta' żewġ pagamenti: (i) wieħed ta' elfejn ewro (€2,000), u (ii) l-ieħor ta' disa' mitt ewro (€900); u li fl-aħħar mill-aħħar ġew ikkunisdrati mill-Ewwel Qorti u mnaqqsa mill-kreditu pretiż mill-appellata. Jirriżulta b'hekk li dan l-ilment messu qatt ma tressaq u qed jiġi respint;

21. Ilment ieħor tal-appellanti huwa li l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjonijiet kontradittorji u inkompatibbli ma' xulxin, meta filwaqt li min-naħa waħda qalet li l-*e-mails* (fol 131 sa 134) 'juru li kien hemm materjal ta' aċċessorji u aluminju nieqes', min-naħa l-oħra, l-istess Qorti qalet li ma nġabet l-ebda prova dwar li kien hemm materjal għadu mhux provdut. Din il-Qorti però ma tara xejn kontradittorju f'dak indikat mill-appellanti. Il-fatt waħdu li mill-*e-mails* indikati mill-appellanti jista' jirriżulta li fiż-żmien li ġew mibgħuta t-tali *e-mails*, l-appellanti kien għad jonqosha xi aċċessorji u materjal, fih innifsu, dak il-fatt ma jippruvax li wara li ntbagħtu dawk l-*e-mails,* it-tali materjal u aċċessorji baqgħu ma ġewx ipprovduti. Dan l-ilment qiegħed għalhekk jiġi wkoll respint;

[18] 'Dok B', fol. 6.

22. Ilment ieħor tal-appellanti huwa mbagħad dwar li l-Ewwel Qorti ma sabitx li l-sms's mibgħuta mir-rappreżentat tal-appellata kienu ta' natura rikattorja. F'dan ir-rigward, l-appellanti tagħmel referenza għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti osservat li: *"[k]if jidher mill-messaggi tal-mobile esebiti li jkopru l-perjodu anki fl-2016, ma hemm ebda theddid fihom u d-direttur tas-socjeta konvenuta ma jaghti ebda indikazzjoni li qed ihossu mhedded, anzi jirrikonoxxi li ghandu jhallas.".* L-appellanti tilmenta li b'kuntrast għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, il-messaġġi huma '*f'sens altament rikattorju'* u biex issostni dak li qed tgħid tagħmel referenza għal żewġ messaġġi partikolari, u tgħid li ssibha diffiċli li tirrikonċilja dawn il-messaġġi ma' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, u ċioè li ma fihom l-ebda theddid;

23. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-aggravju ma jista' jwassal lill-appellanti mkien, u dan għaliex l-appellanti ma qajmet l-ebda eċċezzjoni speċifika dwar dan. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Maria Debono v Dolores Portelli***: -*"meta eċċezzjoni ma tiġix mogħtija formalment qisha m'hijiex quddiem il-Qorti u l-Qorti mhijiex tenuta milli tiddeċidiha."*[19] F'kull każ, din il-Qorti ma tarax li dan l-aggravju huwa siewi għaliex mill-assjem kollu tal-provi ma tarax li huwa verosimili li Grazio Debono kien qed

[19] Deċiża fit-22 ta' Ottubru 1954, (Vol. XXXVIII.I.I. p.207). Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenzi fl-ismijiet: ***Joseph Mifsud v. Paul Cutajar,*** 13.06.2008, (App. 369/2004/1PS); u ***Joseph Muscat v. Josephine Camilleri,*** 15.07.2009 (App.11/2000/2PS).

jirrikonoxxi li għandu jagħti għax kien qed iħossu mhedded minn Bartolo. Dan l-aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll respint;

24. L-appellanti tilmenta wkoll dwar l-apprezzament tal-provi li ġie magħmul mill-Ewwel Qorti in konnessjoni maċ-ċaħda tas-seba' eċċezzjoni. Dwar dan l-appellanti tirreferi għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti qalet li ma sabitx *"plawsibbli l-argument tas-soċjetà konvenuta li d-dewmien fil-konsenja affettwa lis-soċjetà konvenuta b'tali mod li jekk il-proġett ma ġiex terminat dan hu ħtija tas-soċjetà attriċi".* F'dan il-kuntest, tilmenta li l-Ewwel Qorti skartat provi dokumentarji ċari meta qieset il-verżjoni tal-appellanti mhux plawsibbli u 'inġustament' għaddiet biex ċaħdet is-seba' eċċezzjoni. Dwar dan, issemmi li 'rriżulta ċar u tond' li wara l-konsenja ta' Lulju 2014, li suppost kellha tkun sħiħa għall-proġett kollu, saru żewġ konsenji oħra, li kienu 'ovjament tard' u fil-frattemp 'faqqgħet' il-kriżi tal-Libja;

25. Din il-Qorti però lanqas hawnhekk ma tista' taqbel mal-appellanti. Barra milli huwa fatt notorju li l-kriżi fil-Libja faqqgħet snin qabel is-sena 2014 u b'hekk l-appellanti kienet taf, jew messha kienet taf sewwa bir-riskji li kienet qed tidħol għalihom meta aċċettat li taħdem proġett bħal dak li daħlet għalih; din il-Qorti tqis ukoll, li f'kull każ, l-Ewwel Qorti osservat tajjeb li anke wara Novembru tas-sena 2014 (iż-żmien meta skont l-appellanti 'faqqgħet' il-kriżi fil-Libja), l-appellanti xorta baqgħet

taħdem fuq dak il-proġett. Fl-aħħar mill-aħħar, dan jixhduh l-*e-mails* li ġew preżentati mill-appellanti stess u li baqgħu sejrin sa Mejju 2015.[20] B'żieda ma' dan, din il-Qorti tosserva wkoll li f'kull każ, il-kwistjoni li ġiet imqajma mill-appellanti f'dan l-aggravju hija waħda sussidjarja. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjoni prinċipali fis-seba' eċċezzjoni hija msejsa fuq l-allegazzjoni li t-talba għall-ħlas mill-attriċi hija intempestiva għaliex il-kreditu għadu mhux dovut peress li l-partijiet allegatament kienu ftehmu li l-attriċi kienet ser titħallas tal-materjal hekk kif il-konvenuta ser tirċievi l-ħlas mill-Libja. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tarax li l-appellanti seħħilha tipprova l-eżistenza tal-ftehim hekk kif allegat minnha, u għaldaqstant is-seba' eċċezzjoni ma setgħet qatt tiġi milqugħa mill-Ewwel Qorti;

26. Fl-aħħar parti tar-rikors tal-appell, l-appellanti mbagħad tilmenta dwar il-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ċaħdet it-tmin u d-disa' eċċezzjonijiet tagħha. Fir-rigward tat-<u>tmin eċċezzjoni</u>, l-appellanti tgħid li dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mingħajr ma l-Qorti tat l-ebda motivazzjoni għajr dwar il-kwistjoni tal-VAT. Tfisser li t-tmin eċċezzjoni kienet fis-sens li l-ammont kien eċċessiv peress li l-ħlas mitlub mill-appellata ma jaqbilx mal-ftehim li kellhom il-partijiet u l-istima li l-appellata kienet ipprovdiet. Filwaqt li tagħmel referenza għal 'Dok GD1'[21] li ġie anness mal-affidavit ta' Grazio Debono u li huwa kopja ta' *e-mail* riċevuta minn Lino Bartolo

[20] Fol. 131-134.
[21] Fol. 107.

f'isem il-kumpanija appellata, tgħid li skont dik l-istima s-somma totali għaż-żewġ faċċati kellha tkun ta' sitta u ħamsin elf, tmien mija u ħamsin ewro (€56,850) u li meta żżid l-ispejjeż tat-trasport dan kellu jitla' għal tmienja u ħamsin elf, u ħamsin ewro (€58,050). Targumenta li mill-erba' *invoices* mertu tal-kawża, l-ammont tela' b'kollox għal mija u tliet elef, wieħed u sebgħin ewro u disa' ċenteżmi (€103,071.09), u fi kliem l-appellanti dan huwa 'inaċċettabli'. Fuq is-saħħa ta' dan targumenta, li jekk wieħed kellu jimxi mal-'istima' u jikkunsidra l-ammonti li diġà ħallset, allura hi jifdlilha biss li tħallas is-somma ta' tmint elef u ħamsin ewro (€8,050). Barra minn hekk, l-appellanti tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti applikat il-liġi l-ħażina dwar il-kwistjoni tal-VAT u minflok l-**Artikolu 49(3) tal-Kap. 406**, il-Qorti kellha tapplika d-dispost tal-**Artikolu 49(2) tal-istess Kap. 406**;

27. Meqjusa l-argumenti tal-appellanti *viz* it-tmin eċċezzjoni, din il-Qorti tibda biex tosserva li, essenzjalment, dik l-eċċezzjoni hija dwar l-'eċċessività tal-kreditu'. Dwar dan il-ġurisprudenza hija ċara u dejjem ingħad li l-piż tal-prova dwar l-eċċessività tal-kreditu taqa' fuq il-konvenut li jallegaha. Jingħad ukoll, li f'eċċezzjoni ta' din in-natura, jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jmur favur l-attur u mhux favur il-konvenut. (Ara f'dan is-sens, is-sentenzi fl-ismijiet ta' ***Maria Stella Calleja v. Brian Degorgio,*** deċiża fis-17 ta' Marzu, 2022;[22] ***Louis Zammit v. Maria***

[22] App. Ċiv. Nru. 691/14/1MCH.

***Assunta Spiteri***, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2010;[23] u ***Andrew Dalli v. Michael Balzan noe.*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2003).[24]

28. Wara li qieset l-argumenti kollha tal-appellanti fid-dawl tal-provi in atti u tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma tarax li l-argumenti tal-appellanti huma siewja;

29. Fl-ewwel lok, għalkemm l-appellanti tħambaq ħafna fuq 'DOK GD1';[25] din il-Qorti ma tarax li dak id-dokument, fih innifsu, jista' jitqies bħala 'stima' . Minn dik l-*e-mail* jirriżulta li f'dak iż-żmien, l-ordni tal-materjal u l-aċċessorji kienet diġà saret, u fil-fatt, Lino Bartolo juża l-kliem *"li ordnajna".* Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad, stima tinħareġ qabel ma ssir l-ordni, u ladarba 'DOK GD1' jindika li l-ordni kienet diġà saret, allura dak id-dokument ma jista' qatt fih innifsu jitqies bħala stima;

30. Barra minn hekk, u rrispettivament mill-kwistjoni dwar min oriġinarjament ikkalkula l-kwantità u l-kwalità ta' materjal meħtieġ għaż-żewġ faċċati, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li, fl-aħħar mill-aħħar, ir-responsabbilità finali għall-kwantità u l-kwalità tal-materjal ordnat kienet taqa' fuq l-appellanti stess li ultimament ordnat il-materjal u li kienet

[23] App. Ċiv. Nru. 11/2002/3.
[24] Ċit. Nru. 187/1990/1PS.
[25] Fol. 107.

inkarigata li twettaq il-proġett tal-*'curtain walls'*. Marbut sfiq ma' dan, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-inkarigu tal-appellata kien dak li tforni l-materjal ordnat u xejn aktar. Il-fatt innifsu li l-appellata, bil-*bona volontà* tagħha assistiet lill-appellanti biex tagħżel u tikkalkula l-kwantità tal-materjal meħtieġ, ma jippruvax li l-appellata kienet ukoll qed tipprovdi servizzi oħra lil hinn mill-bejgħ tal-materjal. Kemm hu hekk, mill-atti jidher li dak li ntalbet li tħallas għalih l-appellanti kien għall-materjal fornut, u ma hemm l-ebda prova li tindika li l-appellanti ħallset ukoll għall-assistenza provduta mit-Taljan li kien jaħdem mal-kumpanija 'TO.MA. S.p.A';

31. Lil hemm minn dan kollu, din il-Qorti lanqas ma tara li l-appellanti tista', b'xi mod jew ieħor, tippretendi li dak li għandha tħallas huwa biss fir-rigward tal-*invoice* Nru. 18351.[26] Mill-atti jirriżulta li hekk kif wasslet l-ewwel ordni u beda jinħadem ix-xogħol, l-appellanti kien jonqosha xi materjal u aċċessorji u kienet hi stess li għamlet ordnijiet ulterjuri. Pereżempju, meta fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2017, Lino Bartolo ġie mistoqsi in kontro-eżami: *"għal liema raġuni fil-fatt ix-xogħol tal-Libja qsamtu fuq diversi invoices?",* Lino Bartolo wieġeb li l-ordnijiet baqgħu jsiru kontinwi.[27] Dak li qal Bartolo huwa mbagħad ikkorroborat mill-kopja tal-*e-mails* ta' Clifford Sciberras li f'dak il-perjodu kien il-*purchasing*

[26] Fol. 7.
[27] Fol 63.

*manager* tal-kumpanija appellanti u li minnhom jirriżulta li l-appellanti baqgħet tagħmel ordnijiet ulterjuri;[28]

32. B'żieda ma' dak kollu diġà kkunsidrat, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li kieku verament il-fatti huma kif sostnuti mill-appellanti, u ċioè li l-*invoice* Nru. 18351 tal-15 ta' Lulju, 2014, tikkomprendi kollox, allura r-rappreżentanti tal-appellanti żgur li qatt ma kienu ser jiffirmaw għall-*invoices* l-oħrajn, li ma jħallu l-ebda dubju li l-appellanti kienet qed tiġi fatturata għall-materjal li ġie ulterjorment ordnat wara l-ewwel konsenja. Ġialadarba l-appellanti kienet qed tirċievi l-*invoices* u qatt ma rrifjutathom, allura dan jindika li l-appellanti kienet qed tirrikonoxxi li kellha tħallas għall-materjal sussegwentement ordnat minnha. (Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ta' ***J.F. Security & Consultancy Services Limited v. C&F Building Contractors Limited et.*** deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Mejju, 2022);[29]

33. L-istess argument għandu jgħodd ukoll dwar il-kwistjoni marbuta mal-VAT li ġie kkalkulat fuq is-somma ta' sitta u ħamsin elf, tmien mija u ħamsin ewro (€56,850.00) fuq l-ewwel konsenja (Inv. Nru. 18351). L-ammont ta' VAT fuq sitta u ħamsin elf, tmin mija u ħamsin ewro (€56,850.00) huwa pjuttost konsiderevoli, u li kieku l-appellanti verament fehmet li l-prezz ta' sitta u ħamsin elf, tmin mija u ħamsin ewro

[28] Fol 131-137.
[29] App. Ċiv. Nru. 930/12/3SM.

(€56,850.00) kien jinkludi miegħu l-VAT, l-appellanti żgur li ma kinitx ser taċċetta dik l-*invoice* li minnha jidher iswed fuq l-abjad li kienet qed tiġi fatturata s-somma ta' għaxart elef, erba' mija u disa' u disgħin ewro (€10,499.00) bħala VAT fuq is-somma ta' sitta u ħamsin elf, tmin mija u ħamsin ewro (€56,850.00) għall-materjal. Kif qalet tajjeb l-Ewwel Qorti, jekk l-appellanti ma qablitx ma dik il-fattura messha oġġezzjonat mal-ewwel, u fin-nuqqas ta' oġġezzjoni fil-ħin propizju hija rrikonoxxiet li kellha tħallas is-somma ta' għaxart elef, erba' mija u disgħa u disgħin ewro (€10,499.00) bħala VAT fuq is-somma ta' sitta u ħamsin elf, tmien mija u ħamsin ewro (€56,850.00). Fid-dawl ta' dan, kull argument li ġie mqajjem mill-appellanti dwar jekk għandux japplika d-dispost tat-tieni jew it-tielet paragrafu tal-Artikolu 49 tal-Kap 406, huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi għal kollox irrelevanti;

34. Anke mill-provi ċirkustanzjali, kollox jindika li, kuntrarjament għal dak li qed targumenta l-appellanti f'dan l-aggravju, l-appellanti għandha x'tagħti bil-wisq aktar minn tmint elef u ħamsin ewro (€8,050). F'dan ir-rigward, il-Qorti tirreferi għall-kopji tal-sms's li ġew preżentati minn Lino Bartolo u li jiddokumentaw xi korrispondenzi bejnu u bejn Grazio Debono, u dan għall-perjodu ta' bejn Settembru tas-sena 2015, sa meta nfetħet il-kawża. F'sms partikolari li ġie mibgħut fit-23 ta' Diċembru, 2015, Lino Bartolo bagħat lill-Grazio Debono: *"X'ħin ġej int pls? Għara (sic) iġġibx miegħek €1325 ħalli bħala bilanċ jibqa €68,000 dritti u namlu (sic) l-*

*ftehiem (sic) fuqhom reply tks.”.*[30] Grazio Debono ma nnegax li kellu jagħtih hekk, anzi jgħidlu li kien ser iċempillu aktar tard u wara jgħidlu li kien ser jiltaqa’ miegħu t-Tnejn. Żgur li dan mhux l-atteġġjament li wieħed jistenna minn persuna li tkun għada kif qed tiġi mitluba tagħti sittin elf ewro (€60,000) aktar milli attwalment għandha tagħti!! Barra minn hekk, mill-sms’s ta’ wara jirriżulta li l-ftehim għall-ħlas ta’ pagamenti mensili li rrefera għalih Bartolo f’diversi waqtiet tal-kawża kien tassew sar.[31] Kemm hu hekk, f’sms partikolari li ġie mibgħut f’Mejju, Bartolo jgħid lil Debono li *“Suppost inti tajtni sa issa 12000 u kull ma hadd (sic) 2900 impossibli li inkomplu nimxu hekk f’idejk.”* Għal dan il-messaġġ, Debono reġa’ wieġeb *“In ċempillek* (sic)*”,* u ma nnegax li kien hemm dak il-ftehim.[32] Kollox għalhekk jindika li mhuwa xejn minnu li l-appellanti għad fadlilha tagħti biss lill-appellata s-somma ta’ tmint elef u ħamsin ewro (€8,050), u għaldaqstant l-ilmenti tal-appellanti relatati maċ-ċaħda tat-tmien eċċezzjoni qed jiġu miċħuda fis-sħiħ tagħhom;

35. L-aħħar ilment tal-appellanti huwa mbagħad dwar iċ-ċaħda tad-disa’ eċċezzjoni. Dwar dan, l-appellanti tgħid li l-pożizzjoni tagħha kienet ċara kemm fl-eċċezzjoni kif ukoll fis-sottomissjonijiet tagħha, u tissottometti li b’kuntrast għal dak li fehmet l-Ewwel Qorti, hija ma kinitx qed teċċepixxi li kien hemm xi ftehim għar-ritorn ta’ materjal mhux użat,

---

[30] Ara Fol. 47 u 48.
[31] Ara Affidavit ta’ Lino Bartolo (Fol. 6); traskrizzjoni ta’ xhieda ta’ Lino Bartolo tas-seduta tal-14 ta’ Novembru, 2016 (Fol. 36); u traskrizzjoni tal-kontro-eżami ta’ Lino Bartolo tas-17 ta’ Jannar, 2017 (Fol. 55-56).
[32] Fol. 50.

u lanqas li l-materjal ma kienx bżonnjuż għax-xogħlijiet. Tispjega li l-eċċezzjoni kienet fis-sens li l-appellata m'għandhiex dritt titlob għall-ħlas ta' materjal li ma ġiex ordnat minnha u li l-appellata tista' tieħdu lura meta trid. Tagħmel ukoll referenza għar-'*rubber* ħażin' u tgħid li m'għandhiex tħallas għalih sakemm ma jiġix mibdul;

36. Wara li kkunsidrat l-ilmenti kollha tal-appellanti, din il-Qorti, ma tarax li d-disa' eċċezzjoni kellha b'xi mod jew ieħor tiġi milqugħa mill-Ewwel Qorti. Għalkemm minn *e-mail* partikolari li ntbagħtet fl-4 ta' Frar, 2015, jirriżulta, li huwa minnu li Clifford Sciberras ġibed l-attenzjoni lill-appellata li kien hemm 12-il romblu ta' lasktu li kellu jiġi mibdul,[33] fl-istess waqt, din il-Qorti nnutat li hemm ħafna tipi differenti ta' lasktu li ġew użati għall-proġett.[34] Il-Qorti rat ukoll li tul il-perkors tal-kawża, l-appellanti la speċifikat liema tip ta' materjal jew lastiku ma kienx tajjeb, u wisq anqas ma' ġabet xi prova ta' kemm kien jiswa dak il-lasktu jew il-materjal li qed tgħid li la ordnat u lanqas ma wżat. Tali provi kienu jinkombu fuq l-appellanti, u ġialadarba ma ressqitx dawk il-provi, allura ma tistax tippretendi li d-disa' eċċezzjoni kellha tiġi milqugħa. L-aħħar aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

***Decide***

[33] Fol. 132.
[34] 'Dok GD5', Fol 117-118.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell, u għalhekk qed tirriforma s-sentenza appellata tal-4 ta' Ottubru, 2017, billi filwaqt li tilqa' parzjalment il-ħames eċċezzjoni, tilqa' parzjalment it-talbiet attriċi, u dan billi tiddikjara, li 'Windmill Aluminium Company Limited' hija debitriċi tal-attriċi fl-ammont kumplessiv ta' tnejn u ħamsin elf u sitt mitt Ewro (€52,600.00), u tordna lill-istess 'Windmill Aluminium Company Limited' sabiex tħallas dan l-ammont lill-istess attriċi, flimkien mal-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża. Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

L-ispejjeż marbuta mal-appell jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-attriċi u 'Windmill Aluminium Limited'; filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż jibqgħu hekk kif deċiżi mill-Ewwel Qorti;

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da